IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

21 ta' Ottubru 2013

# MISTOQSIJIET MINN TVM DWAR IL-FESTA TAŻ-ŻEJTUN U L-ISTATWA TA' SAN GEJTANU (ĦAMRUN)

## Mistoqsijiet

Wara li l-festa titulari taż-Żejtun ma ġietx iċċelebrata kif skedat is-sajf li għadda, f'siti soċjali qed ikun rappurtat li l-purċissjoni bl-istatwa titulari ta' Santa Katerina xorta waħda se tkun saret din is-sena. Minflok f'Ġunju li għadda se ssir fil-ġurnata tal-festa liturgika tagħha f'Novembru u se tkun akkumpanjata wkoll bil-baned, waqt li fil-jiem ta' qabel se jsiru wkoll it-tridijiet u t-translazzjoni tar-Relikwija. Iċ-ċentru tal-aħbarijiet tal-PBS jixtieq konferma li l-Awtoritajiet tal-Knisja taw l-approvazzjoni tagħhom ghal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u jekk iva jkun jixtieq ukoll twegiba għas-segwenti:

- X'kien l-iskop li ser isiru dawn l-attivitajiet u b'liema kirterju ġew approvati?
- Xi twiegeb għall-kummenti li diġa bdew jiċċirkolaw li b'hekk "dak li ma sarx fis-Sajf ser isir fix-Xitwa u l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Katerina xorta se tkun saret fl-2013"?
- Għaliex il-programm tal-festa liturġika f'Novembru ma nżammx kif kien isir fl-aħħar snin?
- Din kienet konċessjoni ta' darba jew fiż-Żejtun se jibqa' jkollok festa u purċissjoni bil-vara titulari darbtejn fis-sena: f'Ġunju u f'Novembru?

Xtaqna wkoll aġġornament dwar l-istatwa ta' San Gejtanu tal-parroċċa tal-Ħamrun wara li din ħelsitha bi żbrixx fi tmiem il-purċissjoni.

- Il-Ħsara ġiet kwantifikata u ċioe x-xogħol tinvolvi ta' manutenzjoni u kemm hi l-istima?
- Wara din l-esperjenza, fil-festa tas-sena d-dieħla se terga' ssir il-ġirja tradizzjonali bl-istatwa ta' San Gejtanu fi tmiem il-purċissjoni?

## Tweġibiet

- **FESTA ŻEJTUN**
  L-Awtoritajiet tal-Knisja irċevew talba mill-kleru taż-Żejtun biex isir dak il-programm. Wara li saru l-konsultazzjonijiet meħtieġa, il-programm kien approvat. Fl-approvazzjoni stess hemm imniżżel li għal din id-darba biss u bla ebda preġudizzju għall-policy li trid issir dwar il-festi u żmien tal-luttu. Ovvjament li mhux se jsiru żewġ festi f'Ġunju u f'Novembru għall-quddiem.

- **STATWA TA' SAN GEJTANU**
  L-istatwa ta' San Gejtanu għadha qed tkun eżaminata minn persuni professjonali biex ikun stabbilit jekk għandiex ħsara u jekk hemm xi ħsara jekk din saritx bl-inċident ta' din is-sena jew le. Il-Kappillan għamel kummissjoni biex tistudja u tirrapporta dwar din id-drawwa antika fil-Ħamrun, li l-istatwa titla bil-ġirja fit-tmiem tal-purċissjoni.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org